# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

**Appell Nru. 225/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs**

**Francis Cassar**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Francis Cassar, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 515465M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fi Frar 2016 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta proviżorja imposti mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat illum Imhallef Dott. Giovanni Grixti LL.M. LL.D b'dan li ma javvicinax xhieda tal-prosekuzzjoni, fost kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba li f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Francis Cassar u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-

imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' €2,000 bħala depositu u € 2,000 bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-25 ta' April, 2016 li biha sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u ikkundannatu ghal perjodu ta' xahar prigunerija. In oltre, il-Qorti irrevokat l-helsien mill-arrest ta Francis Cassar moghti bid-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta, fit-23 ta' Lulju 2014, u ordnat l-arrest mill-gdid ta' Francis Cassar, u li s-somma ta' €2,000 bhala depozitu u €2,000 bhala garanzija personali imsemmija fl-istess digriet jghaddu favur il-Gvern ta' Malta;

Rat ir-rikors tal-appellant Francis Cassar, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-5 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogghobha **thassar u tirrevoka** s-sentenza fejn sabet htija fil-konfront tieghu u minflok tilliberah minnha, jew sussidjarjament **tirriforma** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-gravam mressaq mill-appellant huwa li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u b'mod sussidjarju li l-piena erogata kienet wahda esagerata u sproporzjonata;

2. Dwar l-ewwel aggravju, din il-Qorti minghajr ebda esitazzjoni minnufih tosserva illi l-appellant m'ghandux ragun. L-appellant huwa imputat f'kawza istitwita fuq istanza ta' certu Joseph Attard fuq allegata uzura. L-appellant jinsab mehlus mill-arrest b'kundizzjonijiet skond digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fosthom li ma jkellimx jew javvicina x-xhieda tal-prosekuzzjoni la direttament u anqas indirettament. Joseph Attard huwa membru tal-Korp tal-Pulizija prezentement sospiz pendenti proceduri dixxiplinari interni kontra tieghu in konnessjoni mar-rapport li hu stess ghamel kontra l-imputat;

3. Jemergi mill-atti processwali, illi waqt s-smiegh tal-process dixxiplinarju kontra Joseph Attard, l-imputat kien imsejjah bhala xhud u kien qed jistenna barra l-kamra biex jissejjah fejn hemm kien hemm tistenna ukoll mart l-istess Attard. Dak il-hin, l-imputat kellem lil mart Attard u qalilha li l-flus li kien silef lil zewgha riedhom lura u gharrafha li kien iddecieda li jsellflu flus aktar milli gia kellu jtih wara li stqarr mieghu li kellu bzonnhom biex jikkura lill-martu u lill-bintu li kienu aflitti mill-kancer. Ghal dik l-ahbar, mart Attard dahlet b'rabja fil-kamra fejn kien kondott il-process kontra zewgha u bdiet tghajjru pulcinell u wara dakinhar ma baqghux jghixu flimkien;

4. Il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-imputat appellant li fil-komunikazzjoni tieghu ma' mart Joseph Attard bl-ebda mod ma dderegiha kif ghandha tixhed. Dik il-komunikazzjoni serviet biex holqot animozita' tali bejn il-konjugi li t-tnejn kienu xhieda fil-kawza kontra l-appellant. L-istess xhud iddeskriviet kif kienet imbezza' mill-appellant meta kien jigi fid-dar konjugali jistaqsi ghall-zewgha u ghalhekk dik il-komunikazzjoni kienet mod kif l-appellant seta' jikkondizzjona d-deposizzjoni tax-xhud. Din il-Qorti

ghalhekk ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba d-decizjoni tal-ewwel Qorti li setghet legalment u ragjonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni skond il-fatti esposti quddiemha;

5. Kwantu l-aggravju dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti, ma hemm xejn x'jiddimostra li ma setghetx tkun kominata dik il-piena u ghalhekk din il-Qorti ma tara ebda raguni impellenti ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-istess Qorti;

6. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun michud.